



Brussell, 17 ta' Diċembru 2020
(OR. en, de)

14168/20
ADD 1

ENV 821
FIN 972
AGRI 483
PESTICIDE 51
PHYTOSAN 34

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Diċembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13677/2020 + ADD1 REV1
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 15/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE: l-inizjattivi tal-Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa" - Konklużjonijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Awstrija, appoġġata mil-Lussemburgu, dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill approvati mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2020.

Id-dikjarazzjoni ser tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

L-Awstrija tiringrazzja lill-Presidenza għall-isforzi tagħha biex tipproduċi abbozz ta' konklużjonijiet li huma bbilanċjati kemm jista' jkun.

Madankollu l-Awstrija jiddispjaċiha għat-tħassir li sar fil-paragrafi 2 u 9, li sar billi nkisret il-proċedura ta' silenzju.

Fil-paragrafu 2 il-lista tal-kawżi ta' telf tal-pollinaturi tħassret. L-Awstrija hija tal-fehma li dan il-paragrafu kien ikun ħafna iktar ċar jekk il-kawżi identifikati mill-Kunsill Dinji għall-Bijodiversità ntwerew għall-inqas f'nota f'qiegħ il-paġna.

Fil-paragrafu 9 r-referenza għal indikatur għall-pollinaturi fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) tħassret. Jiddispjaċina wkoll għal dan it-tħassir, għax il-PAK taqdi rwol importanti biex iżżomm id-diversità tal-pollinaturi.

Madankollu, fi spirtu ta' kompromess, l-Awstrija taqbel ma' dan l-abbozz.
